# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

**It-Tieni Klassi** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

Isem: ___________________ Klassi: ___________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A(i) | A(ii) | A(iii) | B | Ċ | D | E (i) | E(ii) | F(i) | F(ii) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 8 | 11 | 5 | 8 | 10 | 7 | 3 | 10 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudentża | | | | | | | | | | | | |

KUMMENTI

## A. Silta: Aqra sewwa u wieġeb

# Il-Kamaleonte



Il-kamaleonte hu magħruf l-aktar għall-kapaċita' tiegħu li jibdel il-kuluri ta' ġismu. Dan jagħmlu għal diversi raġunijiet, fosthom biex jaqbel ma' l-ambjent ta' madwaru u jidher anqas. *(par. 1)*

Ġeneralment, il-kamaleonte jkun aħdar jew kannella, il-kulur predominanti ta' l-ambjent li jgħix fih. Filgħodu kmieni, meta tkun għadha tielgħa x-xemx u l-arja tkun għadha kemmxejn kiesħa, ikun skur ħafna, kważi iswed. Dan il-kulur jgħinu biex jassorbi s-sħana billi oġġetti skuri jisħnu aktar malajr minn oħrajn b'kuluri ċari. *(par. 2)*

Il-kamaleonte juża l-kuluri wkoll biex jikkomunika kemm fi żmien in-namra kif ukoll meta jkun irrabjat jew fil-periklu. F'każ li jkun jinsab f'periklu minn xi annimal ieħor, il-kamaleonte jintefaħ biex jidher akbar, u jiftaħ ħalqu, filwaqt li jagħmel ħsejjes ta' minfaħ biex ibeżża' 'l-annimal l-ieħor. *(par. 3)*

Kurżita' oħra hija marbuta mal-mod kif jikkaċċja l-ikel tiegħu, l-aktar dubbien u insetti oħra. Il-kamaleonte għandu par għajnejn li kapaċi jaħdmu indipendentement minn xulxin; għajn tista' tkun qiegħda tħares 'il quddiem, filwaqt li l-oħra tkun tħares lura. B'hekk jara dak li jkun qiegħed jiġri kemm warajh, kif ukoll quddiemu. Meta jilmaħ xi insett, il-kamaleonte jibda miexi bil-mod il-mod fid-direzzjoni tiegħu filwaqt li jdawwar għajnejh it-tnejn lejh. Meta jasal viċin biżżejjed, jieqaf għal waqt biex jikkalkula eżatt id-distanza bejnu u l-priża. Hekk kif ikun lest, jispara lsienu 'l barra u b'veloċita' qawwija jaħtaf l-insett u jiġbdu lura lejn ħalqu. Dan kollu jiġri fi frazzjoni ta' sekonda. *(par. 4)*

Il-kamaleonte hu wieħed minn bosta speċi ta' rettili li nsibu f'Malta. Ir-rettili jinkludu l-wiżgħa, il-gremxul u s-sriep. Biss, il-kamaleonte m'huwiex annimal indiġenu għax mhux minn dejjem kien jgħix f'Malta. L-ewwel kamaleonti nġiebu f'Malta minn qassisin protestanti Ingliżi li ħallewhom jiġru fil-liberta' tal-ġnien tad-dar fejn kienu jgħixu f'San Ġiljan madwar mija u ħamsin sena ilu. Minn San Ġiljan, il-kamaleonte xtered ma' kullimkien u llum jifforma parti mill-ambjent naturali Malti. *(par. 5)*

B'xorti tajba, il-kamaleonte ma jagħmilx ħsara lill-ambjent naturali bħalma jiġri kultant meta speċi ta' pjanti u annimali li m'humiex indiġeni jiġu introdotti fl-ambjent naturali. *(par. 6)*

(Addattament minn kitba ta' Paul Portelli f'***Sagħtar***, Novembru, 1998)

## (i) Kontenut

1. Għalxiex hu magħruf l-iktar il-kamaleonte? *(par. 1)*

   ______________________________ (1)

2. Fisser għala l-kamaleonte aktarx ikun kannella jew aħdar. *(par. 2)*

   ______________________________ (1)

3. Semmi mod wieħed kif il-kamaleonte jiddefendi ruħu. *(par. 3)*

   ______________________________ (1)

4. Għalfejn għajnejn il-kamaleonte ma jaħdmux flimkien? *(par. 4)*

   ______________________________ (1)

5. Semmi żewġ ħwejjeġ importanti li jrid jagħmel il-kamaleonte biex ikollu suċċess fil-kaċċa ta' l-insetti. *(par. 4)*

   ______________________________

   ______________________________ (2)

6. Għaliex il-kamaleonte ma jitqiesx bħala annimal indiġenu? *(par. 5)*

   ______________________________ (1)

7. Fisser għala qatt m'għandna noqtlu l-kamaleonti?

   ______________________________ (1)

## (ii) Analiżi Testwali

1. ***ma' l-ambjent ta' madwaru*** *(par. 1)*. Għalxiex qed jirreferi l-pronom **u** fil-kelma madwar**u**?

   ______________________________ (1)

2. ***L-ewwel kamaleonti nġiebu f'Malta minn qassisin protestanti Ingliżi.*** Sawwar din is-sentenza fil-vuċi attiva.

   ______________________________ (1)

3. Agħti kelma oħra li tfisser l-istess bħal ***kapaċita'***.

______________________________________________ (1)

4. ***Dan kollu jiġri fi frazzjoni ta' sekonda.*** Poġġi idjoma flok il-kliem b'sing taħtu: Dan kollu jiġri f'________________________________ (1)

5. X'jindika s-suffiss ***ijiet*** fil-kelma ***raġunijiet***? *(par.1)*

______________________________________________ (1)

6. ***"Il-kamaleonte jintefaħ..."*** *(par.3)* tfisser jikber fid-daqs. Uża din il-kelma f'sentenza b'mod li toħroġ tifsira oħra differenti tagħha.

______________________________________________ (2)

7. ***Il-kamaleonte jibda miexi bil-mod il-mod.*** Ibdel il-kliem b'sing taħtu b'mod li tħalli l-istess tifsira:

Il-kamaleonte jibda miexi________________________________ (1)

## (iii) Grammatika

| | |
|---|---|
| 1. "jintefaħ biex jidher..." | 1. Oħroġ nom minn *jidher*._________(1) |
| 2. F'każ li jkun jinsab...*jinsab* hu verb tas-7 forma. | 2. Agħti s-7 forma ta' *juża* u *jagħmel*. __________ ___________ (2) |
| 3. Agħti l-konsonanti tal-għerq ta' ***jiġri***. | 3. _______________ (1) |
| 4. ***ġeneralment*** ġejja miz-zokk morfemiku ***ġeneral.*** | 4. ***veloċita'*** ġejja minn__________ (1) |
| 5. Oħroġ aġġettiv minn ***kurżita'***. | 5. Hu annimal _______________ (1) |
| 6. Il-kamaleonte jdawwar għajnejh. | 6. Poġġi fil-plural: Il-kamaleonti_____ għajnejhom. (1) |
| 7. Għadha tielgħa x-xemx.<br>Biex ibeżża' 'l-annimal. | 7. Ikteb fin-negattiv:<br>M'__________tielgħa x-xemx.<br>Biex____________'l-annimal. (2) |
| 8. Poġġi l-punteġġjatura fejn meħtieġ: ***ara x'kamaleonte dak stagħġeb ġanni*** | 8. ___________________________<br>___________________________ (2) |

## B. Qwiel

Agħżel il-qwiel addattati flok il-kliem b'sing taħtu u iktibhom fil-parentesi: **Min jixtri l-ħut fil-baħar, jieklu jinten; fir-roħs ixtri, fil-għoli bigħ; il-bejgħ darba: aqbad u qabbad; l-għajta nofs il-bejgħ; darba tingidem; għall-bejjiegħ għajn waħda, għax-xerrej mitt għajn; min imaqdar irid jixtri**.

1. John wiret kollezzjoni prezzjuża ta' stampi ta' mammiferi. Ħaseb li jbigħha. Dejjem emmen li jixtri meta jorħsu l-prezzijiet u jbigħ meta s-suq jogħla'. (________________________________)

2. Ġab avviż fil-gazzetta u qal ma' kulħadd għax ir-reklam jiswa. (______________________________)

3. Mario ra l-avviż u mar jara l-kollezzjoni. Dam jifli għax min jixtri jrid joqgħod attent iktar minn min ibigħ. (______________________________)

4. Beda jsib id-difetti. L-ieħor ittenda li kien ser ibigħ għax min jagħmel hekk ikun diġa' ddeċieda li jixtri. (______________________________)

5. "Nixtriha, iżda nħallsek bin-nifs". "Le, jien ħlas fil-pront irrid", qallu John. (______________________________) (5 marki)

## Ċ. Malti Komunikattiv



Fl-iskola twaqqfet għaqda għall-ħarsien ta' l-annimali. Ikteb avviż biex issejjaħ laqgħa. Semmi l-post, il-ħin u x'aġenda ser tiddiskutu.

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

(8 marki)

## D. Tiftix - Trawwim Kulturali

Agħżel personaġġ li għamilt tiftix dwaru. Agħti tagħrif fuqu u għid x'sehem ta fil-qasam tal-kultura.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

(10 marki)

# LETTERATURA

## E. Poeżija Nadriet

**(i)** Aqra din is-silta minn ***Il-Barri*** ta' Ġorġ Pisani, u wieġeb:

Imb'għad xħin kollox reġa' għal li kien,
Il-barri raqad raqda
Għax ħassu wisq għajjien:
Ħolom għelieqi kbar mimlija ħdura,
Fejn jirgħaw bhejjem ta' kull għamla u sura
Li kollha hienja taħt ix-xemx bla qies
Jirfsu b'riġlejhom xkejjer kbar tal-ġwież;
Sakemm min-nagħsa mnejn ħa ftit mistrieħ
Qajmitu r-rifsa tal-biċċier ix-xiħ;
U kif il-bitħa dwiet bl-għajat u l-kliem
Il-barri dlonk intebaħ
Li wasal għalih it-tmiem.
Għalhekk, imdejjaq, nafar nafra kbira,
Bħal ruħ li tħossha ta' xortiha lsira;

1. Fejn kien il-barri xħin raqad raqda?

_______________________________________________ (1)

2. Għaliex taħseb li l-barri kien għajjien?

_______________________________________________ (1)

3. Xi jfisser il-kliem ***"kollox reġa' għal li kien"***?

_______________________________________________ (1)

4. Ikteb vers mis-silta li juri li l-ħolma kienet tissimbolizza x-xaba' u l-abbundanza: ______________________________ (1)

5. Kif ittenda l-barri li għalih kien qorob it-tmiem?

_______________________________________________ (1)

6. **"Il-Barri"** hi magħmula minn kwartini____; minn versi kumplessi___; minn versi ħielsa____. (1)

7. Sib tixbiha (similitudni) mis-silta:__________________________ (1)

**(ii) Aktar Nadriet Poetiċi**

**Fil-Menqa** (Ġorġ Peresso), **Lejl ta' Tfulija** (Ġorġ Borg), **Settembru** (Wallace Gulia), **Il-Ħajt Tas-Sejjieħ** (Rena Balzan), **Sjesta Maltija** (Kilin), **Univers Ieħor** (Dun Karm), **Ġunju** (Dun Karm), **Marsaxlokk** (Charles Flores).

Agħżel poeżija minn dawn ta' fuq u:

1. Għid jekk fihiex versi ***tradizzjonali***___jew ***versi ħielsa***____. (1)

2. Agħti l-isem tal-poeżija u l-ħsieb tagħha fil-qosor:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

**F. Proża**

**(i) "Nies bla Sabar"** ta' Temi Zammit. *Agħżel **waħda** minn 1 u 2:*

1. Fin-novella **"Mhux Kull Ma Jleqq Deheb",** fisser x'għamel l-avukat biex ħeles lil Nikol milli jżewweġ lil bintu ma' Kieli ta' Susa.

**JEW**

2. Fin-novelli tiegħu, Temi Zammit għandu ħabta jqaxxar karattri li

jġibulna tbissima. Oħroġ il-karattru ta' *tnejn* minn dawn il-personaġġi: **Mastru Ġakbu**; **Dolor** (*f'Aħlef u Għid is-Sewwa*); **Ċensa** (*f'Ċensa u ċ-Ċine*); **Lukarda** (*f'Lukarda u l-Għadd tan-Nies*).

------------------------------------------------------------------------------------

------------------------------------------------------------------------------------

------------------------------------------------------------------------------------

------------------------------------------------------------------------------------

------------------------------------------------------------------------------------

------------------------------------------------------------------------------------

------------------------------------------------------------------------------------

------------------------------------------------------------------------------------

_______________________________________________ (10 marki)

**(ii) "Ħolm tal-Milied?" ta' Trevor Zahra.**

Agħżel ***waħda*** minn 1 u 2 u wieġeb fuq karta separata.

1. Bħal riħ qawwi kien imbotta lil Leli għal ġol-presepju. Irrakkonta l-ewwel ħolma ta' dan it-tifel fil-presepju mal-pasturi.

**JEW**

2. "San Franġisk semagħna....San Franġisk sema' talbna", waqfet tgħid in-nanna meta għaddew minn quddiem il-presepju. Irrakkonta x'kien ġara biex in-nanna Franġiska waslet tgħid dan il-kliem.

(10 marki)

## Ġ. Komponiment: Agħżel ***wieħed*** u ikteb madwar 250 kelma fuq karta separata. (20 marka)

1. Ħabibi ġab fenek ta' l-indi l-iskola.......
2. Tifel/tifla li ħaqqu/ħaqqha midalja.
3. Missieri xtara karozza ġdida.
4. Dik il-lejla, it-televixin għamel il-ħsara!
5. Sibna kelb mitluf.

